**16 ta' Mejju, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Carmelo Morana

*versus*

Nutar Dr. Joseph Spiteri et.

**Ritrattazzjoni — Qerq — Applikazzjoni Ħażina tal-Liġi — Żball — Art. 814 (a), (e) u (l) tal-Proċedura Ċivili.**

*Hemm lok għar-ritrattazzjoni ta' kawża fuq il-motiv li s-sentenza mpunjata kienet l-effett ta' qerq prattikat mill-parti l-oħra, biss, meta, minħabba r-raġġiri jew l-atti frawdolenti tal-parti l-waħda, l-avversarju ġie mqiegħed fl-impossibbiltà ta' difiża ġusta u tajba, u jkun ġie attentat għall-bona fede tal-ġudikant; u mhux leċitu li tintalab ir-ritrattazzjoni fuq dan il-motiv bħala attentat biex tiġi rinvangata kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li ġa għamlet u ddeċidiet is-sentenza mpunjata.*

*Fuq il-motiv ta' applikazzjoni ħażina tal-liġi, mbgħad, hemm*

*lok għar-ritrattazzjoni meta l-fatti kienu tassew kif stabbiliti fis-sentenza attakkata u ntant is-sentenza ma tkunx skond il-liġi; basta li l-kwistjoni tkun dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat espressament deċiżjoni.*

*Fl-aħħarnett, biex ikun hemm lok għar-ritrattazzjoni fuq il-motiv illi s-sentenza mpunjata hi l-effett ta' żball riżultanti mill-atti jew dokumenti tal-kawża, jeħtieġ essenzjalment illi d-deċiżjoni tkun bażata fuq is-suppożizzjoni ta' fatt li l-verità tiegħu tkun bla dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament; basta li fil-każ wieħed u l-ieħor il-fatt ma jkunx pont kontestat li jkun ġie deċiż fis-sentenza. U anki hawn ma għandux ikun leċitu għal min jitlob ir-ritrattazzjoni li jiddiskuti mill-ġdid il-kwistjoni li ġiet trattata u deċiża bis-sentenza mpunjata.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni fl-ismijiet fuq premessi, li biha l-attur, wara li ppremetta illi b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. John Micallef Trigona tal-4 ta' Jannar 1950 hu biegħ lill-konvenuti, bil-prezz ta' £4700, l-istabili ndikati fl-istess kuntratt, li jirrendu l-ammont ta' £387 fis-sena; minn liema prezz il-konvenuti ħallsu £2700, u baqgħu debituri fl-ammont ta' £2000, bl-imgħax tat-3% fis-sena; u b'kuntratt sussegwenti tat-22 ta' Jannar 1951, fl-atti tal-istess nutar, ġie rexiss il-kuntratt preċedenti taħt l-apparenza ta' rkupru konvenzjonali; u għalhekk, b'dik ir-rexissjoni, il-kontendenti ġew rimessi fl-"statu quo" anterjuri għall-ewwel kuntratt; talab il-kundanna tal-konvenuti biex iħallsu lilu l-ammont ta' £318, bilanċ li baqa' minn £378, ammont ta' kera f'idejn il-konvenuti wara li tnaqqsu £60 dovuti mill-konvenuti għall-interessi fuq £2000 bilanċ tal-prezz dovut mill-konvenuti. Bl-ispejjeż;

Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1959, li biha ġiet revokata s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla fis-27 ta' Novembru 1958, u ġie akkolt l-appell magħmul mill-konvenuti, u ġiet miċħuda d-domanda tal-attur; u kwantu għall-ispejjeż ġudizzjarji ġie deċiż li dawn jibqgħu mingħajr taxxa, u d-dritt tar-Reġistru jibqa' a karigu tal-attur;

Rat il-petizzjoni tal-attur, li biha talab li dik is-sentenza tiġi mħassra għar-raġunijiet dedotti minnu fl-istess petizzjoni u l-kawża tiġi ritrattata fil-meritu tagħha; bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti; b'mod illi d-domandi tiegħu jiġu milqugħa;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Qabel xejn, huwa evidenti illi, għalkemm il-petizzjonant talab ġenerikament it-tħassir tas-sentenza kollha ta' din il-Qorti tal-14 ta' Diċembru 1959, l-ilmenti tiegħu jirrigwardaw biss dik il-parti ta' dik is-sentenza relattiva għas-sentenza tal-Ewwel Qort tas-27 ta' Novembru 1958. Infatti, l-ewwel parti tas-sentenza ta' din il-Qorti relattiva għas-sentenza tal-Ewwel Qorti tad-19 ta' Mejju 1954 mhix aktar in kwistjoni;

It-talba tal-petizzjonant għar-ritrattazzjoni hi miġjuba taħt il-paragrafi (a), (e) u (l) tal-art. 814 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 15);

Hu jippretendi, fl-ewwel lok, illi s-sentenza mpunjata ġiet mogħtija minħabba qerq (dolo) tal-konvenuti kontra tiegħu. Hu jagħmel dan il-qerq jikkonsisti fil-fatt illi d-dikjarazzjoni ġjurata tal-konvenuti, fis-sens illi qabel saret il-publikazzjoni tal-kuntratt tas-sena 1952 (recte 1951) huma u l-petizzjonant illikwidaw il-pendenzi kollha ta' bejniethom, u ftehmu li barra dawk il-konteġġi kulħadd jibqa' billi ħa, hija apertament kontraddetta mid-dikjarazzjoni magħmula f'dak il-kuntratt, ċjoè illi l-partijiet illikwidaw bejniethom l-ispejjeż u nteressi. Fl-istess ħin, mill-konteġġi fol. 51, li saru qabel il-publikazzjoni ta' dak il-kuntratt, ma jirriżultax li saret likwidazzjoni tal-kreditu tal-attur;

B'dan il-mod il-petizzjonant mhux qiegħed jagħmel haġ'oħra ħlief jittanta jirrinvanga kwistjoni ta' apprezzament ta' provi li ġiet ġa eżaminata u deċiża fis-sentenza mpunjata. F'din is-sentenza l-Qorti rriteniet illi l-attur ma

wasalx biex jipprova soddisfaċentement illi hu kien baqgħalu jieħu minn għand il-konvenuti. Il-Qorti ħassitha nklinata li taċċetta l-versjoni tal-konvenuti illi qabel sar il-kuntratt tal-1951 il-partijiet kienu kkonteġġjaw bejniethom anki minħabba l-ammissjonijiet ripetuti tal-attur stess illi huma kienu illikwidaw, li marru għand in-nutar biex jillikwidaw, illi fil-konteġġi li kienu saru kienu mdaħħln il-flus tal-kera li hu kien daħħlilhom, eċċ.;

Id-dikjarazzjoni magħmula f'dak il-kuntratt, illi l-partijiet ikkonteġġjaw bejniethom l-imgħaxijiet u spejjeż relattivi għall-bejgħ magħmul bil-kuntratt ta' qabel (fol. 10 u tergo), kienet quddiem il-Qorti, u ġiet meħuda in konsiderazzjoni. Fuqha kkommenta l-perit ġudizzjarju (fol. 99), li l-osservazzjonijiet tiegħu ġew abbraċċjati fis-sentenza mpunjata;

Lanqas għandu jintnesa illi dak il-kuntratt ġie millattur stess, b'suċċess, attakkat b'simulazzjoni, u għarrigward tiegħu ġew ammessi provi orali; u minn dawn ilprovi rriżulta illi l-konteġġi li kienu saru kienu jinkludu mhux biss l-imgħaxijiet u l-ispejjeż, iżda wkoll partiti oħra, per eżempju, ċnus, ħlasijiet lill-Gvern, kera, ammessi mill-istess attur;

Minn dan jidher illi dak li verament qed jimpunja lpetizzjonant hija l-valutazzjoni tal-provi li hemm fis-sentenza in kwistjoni, u xejn aktar. Is-supposta kontradizzjoni li hemm bejn ix-xhieda tal-konvenuti u d-dikjarazzjoni magħmula fl-imsemmi kuntratt ma hi per sè ebda prova ta' dolo prattikat mill-konvenuti kontra l-attur fissens tal-paragrafu (a) tal-imsemmi artikolu 814. Kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża "Pisani vs. Pisani", maqtugħa fit-13 ta' Lulju 1942 (Kollez. Vol. XXXI-I-231), hemm lok għar-ritrattazzjoni fuq dak il-motiv, biss, meta minħabba r-raġġiri jew l-atti frawdolenti tal-parti waħda l-avversarju ġie mqiegħed fl-impossibbiltà tad-difiża ġusta u tajba u jkun ġie attentat għall-bona fede tal-ġudikant. F'dik issentenza ġie ċitat il-Pisanelli, li qal:— "Adunque le false asserzioni (suppost anki li fil-każ preżenti ġew pruvati) non bastano; è necessario che esse sieno accompagnate da

tali artifizi che rendano impossibile o vana la difesa dell' avversario". U d-Digesto Italiano:— "Il dolo deve sempre integrarsi in una macchinazione che impedisca all'altra parte il libero svolgimento della propria difesa";

Talvolta, l-allegazzjoni kontenuta fil-petizzjoni tal-attur tista' tammonta mhux għal dolo, kif fuq interpretat, iżda għal falsità tax-xhieda tal-konvenuti; iżda din, biex tkun motiv ta' ritrattazzjoni, trid tkun dikjarata b'sentenza "ad hoc", skond il-paragrafu (j) tal-imsemmi art. 814, li anqas biss ġie nvokat mill-petizzjonant;

Fit-tieni lok, il-petizzjonant jissottometti illi s-sentenza mpunjata applikat il-liġi ħażin; u dan għaliex, anki jekk il-fatti kienu kif rilevati f'dik is-sentenza, il-pretiża konvenzjoni li kulħadd jibqa' b'li ħa timporta li t-£318 kreditu pretiż mill-attur jgħaddi għand il-konvenuti bla korrispettiv, u dan il-passaġġ jikkostitwixxi donazzjoni, li skond il-liġi teħtieġ il-kuntratt biex tkun valida;

Skond il-paragrafu (e) tal-art. 814, li fuqu dan il-motiv ta' ritrattazzjoni hu bażat, jitqies li hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi fil-każ biss illi d-deċiżjoni, meta l-fatti kienu tassew kif stabbiliti fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-liġi; basta li l-kwistjoni tkun dwar interpretazzjoni ta' liġi li fuqha l-Qorti tkun tat espressament deċiżjoni;

Issa, l-ewwelnett fil-parti tas-sentenza mpunjata ma hemm ebda aċċenn għall-ebda dispożizzjoni tal-liġi, ma hemm ebda pronunzja fuq ebda dispożizzjoni speċifika tal-liġi. Infatti, jingħad testwalment f'dik is-sentenza (fol. 176) :— "Għalhekk hi kwistjoni ta' provi"; u l-konklużjoni tal-Qorti ġiet raġġunta wara eżami u valutazzjoni tal-provi mressqa miż-żewġ partijiet. Kif osservat il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha in re "Decesare vs. Darmanin" fit-23 ta' April 1872 (ċitata b'approvazzjoni fis-sentenza ta' din il-Qorti Vol. XXVII-I-436), "è di attribuzione di chi deve giudicare l'apprezzare i fatti che nascono da documenti o che emanano da deposizioni di testimoni. Questo lavoro mentale è quello che dà base al criterio morale di chi deve giudicare, da cui se ne forma il concetto

essenzialmente giuridico che è il risultato delle convinzioni che ne traggono i giudici, dal quale emana il giudizio, ossia la sentenza". Fis-sentenza mpunjata, din il-Qorti waslet għall-konklużjoni "wara li qieset bir-reqqa dak illi rriżulta, illi l-attur ma ssodisfax il-piż tal-prova li kien imiss lilu, ċjoè li jipprova li hu kien għad għandu jieħu minn għand il-konvenuti". Assumendo dan bħala fatt, id-deċiżjoni kienet perfettament konformi għall-prinċipju ġenerali tal-liġi, illi "actore non probante reus absolvitur";

Del resto, il-konklużjoni tal-Qorti ma timportax bl-ebda mod illi l-konvenuti ħadu minn għand l-attur l-ammont tal-kirjiet li hu daħħlilhom u ma taw xejn in korrispettiv. Biżżejjed jingħad illi l-ammont ta' £318 pretiż fiċ-ċitazzjoni, u issa mill-ġdid imsemmi fil-petizzjoni, l-attur innifsu, fil-kors tal-kawża in prima istanza, irriduċieh darbtejn, l-ewwel għal £264 (fol. 68 tergo), u mbgħad għal £252.9.6 (fol. 105), għax irrikonoxxa partiti ta' debitu favur il-konvenuti; mentri dawn jippretendu illi, kieku verament kellhom jerġgħu jsiru l-konteġġi mill-ġdid, l-attur mhux talli ma kellux jieħu minn għandhom, iżda talli jkollu jagħtihom (fol. 131 tergo, 132 u fol. 72). Meta l-Qorti fis-sentenza mpunjata aċċettat bħala fatt illi qabel il-kuntratt tal-1951 il-partijiet kienu llikwidaw bejniethom, u ftehmu li kulħadd kellu jibqa' billi ħa, ma kienet bl-ebda mod qegħdha tirritjeni, la espressament u lanqas impliċitament, li saret donazzjoni. L-unika nferenza leġittima hi illi l-partijiet kienu kkonteġġjaw dak li rispettivament kellhom jieħdu u jagħtu, u li minn dawn il-konteġġi l-attur irriżulta debitur ta' £1000 favur il-konvenuti, kif fil-fatt hu kkostitwixxa ruħu debitur tagħhom bl-imsemmi kuntratt;

Fl-aħħarnett, il-petizzjonant qed jitlob ir-ritrattazzjoni in bażi għall-paragrafu (1) tal-imsemmi art. 814, għax jippretendi illi s-sentenza hi effett ta' żball kif jidher mill-atti jew dokumenti tal-kawża. Dan l-iżball hu jsibu fil-fatt illi mid-dokument fol. 51 ma tirriżultax il-likwidazzjoni tal-kreditu tal-attur, u illi, skond il-kuntratt tal-1951, jidher li ġew likwidati biss l-ispejjeż u l-interessi;

Anki hawn il-petizzjonant mhux jipprova jagħmel

ħag'oħra ħlief jiddiskuti mill-ġdid il-kwistjoni li ġiet trattata u diskussa fl-appell, u ġiet deċiża bis-sentenza mpunjata;

Skond l-imsemmi paragrafu (1), biex ikun hemm ritrattazzjoni minħabba żball, jeħtieġ essenzjalment illi d-deċiżjoni tkun bażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament; basta li fil-każ wieħed u l-ieħor il-fatt ma jkunx pont kontestat li jkun ġie deċiż fis-sentenza;

Intqal minn din il-Qorti fil-kawża "Mifsud vs. Zahra" (Kollez. XXXVIII-I-323), illi "ġie invarjabbilment deċiż mill-Qorti Suprema Tagħna illi l-iżball ta' fatt li jagħti s-sostrat ta' ritrattazzjoni għandu jkun materjali, u tali illi, minħabba mera inavvertenza, ikun induċa l-ġudikant jissupponi fatt inkontrastabbilment eskluż, jew jissupponi ineżistenti fatt pożittivament stabbilit. Il-liġi, li tirrikjedi li l-iżball jirriżulta mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, tissupponi illi l-ġudikant, għal inavvertenza materjali, ma jkunx ikkonsultahom". Din is-sentenza tiċċita l-Mortara, li jgħid:— "Come è definito dalla legge, l'errore di fatto è un vero errore dei sensi; il magistrato ha creduto di vedere negli atti quel che non esiste, od ha fondato la sua convinzione sul presupposto della inesistenza di quel che avrebbe subito veduto se avesse esercitato gli occhi del corpo e dell'intelletto sulle carte del processo";

L-istess ħaġa, sostanzjalment, qalet din il-Qorti fil-kawża "Schembri vs. Bonnici" (Kollez. Vol. XXXVII-I-368), b'ċitazzjoni ta' diversi sentenzi preċedenti, fis-sens illi l-iżball ta' fatt, biex jagħti lok għar-ritrattazzjoni, irid jirriżulta mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża, u jrid ikun żball "materiale, intuitivo, risultante dal semplice confronto delle dichiarazioni della sentenza cogli atti e coi documenti, e non essere relativo ai criteri o caratteri coi quali il fatto è stato appreso dal giudicante; perchè l'apprezzamento e l'interpretazzjone del fatto costituiscono l'insindacabile convincimento del giudicante";

Issa, il-kwistjoni li ġiet deċiża bis-sentenza mpunjata (li fl-istess sentenza ġiet, kif ġa ntqal, espressament dikjarata bħala sempliċi kwistjoni ta' provi) kienet jekk l-attur ippruvax soddisfaċentement il-kreditu pretiż fiċ-ċitazzjoni. Biex tiddeċidi din il-kwistjoni prinċipali l-Qorti eżaminat ukoll il-punt dibattut bejn il-partijiet jekk qabel sar il-kuntratt tal-1951 huma kienux illikwidaw il-pendenzi reċiproċi. F'dan l-eżami l-Qorti mhux talli ma njoratx b'inavvertenza jew xort'oħra d-dokumenti msemmijin mill-petizzjonant, iżda talli espressament ħadithom f'konsiderazzjoni flimkien mal-provi l-oħra kollha biex waslet fil-konklużjoni tagħha. Il-pretensjoni li dawk id-dokumenti kienu jsostnu t-teżi tal-attur kienet fatt kontrovers, li dwaru ġie raġunat fis-sentenza. Suppost anki, "ex hypothesi", illi l-apprezzament ta' dawk id-dokumenti u tal-provi magħmul mill-Qorti kien żbaljat, din mhix raġuni, skond il-liġi, biex terġa ssir il-kawża mill-ġdid. "Quando le parti contendono intorno ad un punto ed il giudice vi statuisce, l'errore può derivare da inesatto apprezzamento, ma non da mera inavvertenza come vuole la legge per l'errore atto a produrre la rivocazione" (Galdi, Vol. VI, § 983, p. 489);

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tiddeċidi billi tiddikjara li ma hemmx lok għar-ritrattazzjoni għal ebda waħda mir-raġunijiet avanzati mill-petizzjonant; u għalhekk tiċħad it-talba magħmula fil-petizzjoni, bl-ispejjeż kontra l-attur petizzjonant.